




STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 164/23

Il-Lussemburgu, 26 ta' Ottubru 2023

Żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-Presidenta tar-Repubblika tas-Slovenja, Nataša Pirc Musar

Matul din iż-żjara, is-Sinjura Pirc Musar għaddiet lill-Qorti tal-Ġustizzja xogħlijiet tal-arti mislufa mill-Gallerija Nazzjonali tas-Slovenja

Il-Presidenta tar-Repubblika tas-Slovenja, is-Sinjura Nataša Pirc Musar, illum żaret il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni tal-ġoti tax-xogħlijiet tal-arti ¹ *Poletje* (Sajf) u *Zima* (Xitwa) tal-artist Tugo Šušnik, u *Żiemel* *Lipizzaner* tal-artist Janez Boljka, mislufa lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gallerija Nazzjonali tas-Slovenja.



Milqugħa minn, President tal-Qorti tal-Ġustizzja u minn Marko Ilešič, Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja, u minn Maja Brkan u Damjan Kukovec, Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, is-Sinjura Pirc Musar ġiet mistiedna tiffirma l-Ktieb tad-Deheb tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Hija kellha udjenza mal-President Lenaerts u wara pparteċipat f'diskussjoni mas-Sur Lenaerts, is-Sur Ilešič, is-Sinjura Brkan u s-Sur Kukovec.

Fl-aħħar nett, is-Sinjura Pirc Musar għaddiet uffiċjalment ix-xogħlijiet tal-arti waqt ċerimonja fil-preżenza tal-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, kif wkoll tal-uffiċjali u l-membri tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' nazzjonalità Slovena.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

lbqgħu konnessi!



¹ Grazzi għall-kooperazzjoni tal-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha diversi xogħlijiet tal-arti rappreżentattivi tal-patrimonju multikulturali Ewropew. Dawn ix-xogħlijiet tal-arti, li huma donazzjoni jew ingħataw b'depożitu jew self, spiss jevokaw l-idea ta' Ewropa, ta' ġustizzja, ta' armonija, ta' kooperazzjoni u ta' paċi.